**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 542/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Pierre Cuschieri**
**Sandro Cutajar**
**Paul Pace**
**Jason Camilleri**

Illum 29 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellati:

**Pierre Cuschieri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 347772(M),

**Sandro Cutajar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 214881(M),

**Paul Pace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 461061(M),

u

**Jason Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 88576(M),

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Ħal-Far nhar it-3 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30pm):

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Michael Zammit (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 607762(M)) u wkoll offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shania Micallef (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 238901(L)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, ma sabitx lill-imputati Pierre Cuschieri, Sandro Cutajar, Paul Pace u Jason Camilleri ħatja tal-imputazzjoni li ġiet dedotta fil-konfront tagħhom kollha u b'hekk illiberathom minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-27 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza appellata billi **tħassar u tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellati ġew liberati u minflok issib lill-appellati ħatja skont l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza finali dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2022. Għal kull buon fini jingħad li fid-9 ta' Jannar 2024 din il-Qorti tat sentenza preliminari dwar eċċezzjoni mressqa mill-appellati rigwardanti d-diċitura tat-talba fir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda.

Illi l-fatti ta' dan il-każ kienu fil-qosor is-segwenti: Fit-3 ta' Mejju 2013 sar rapport li għal ħabta tad-9.30pm ġewwa Ħal-Far Drag Racing kien għadu kif seħħ inċident fejn weġġgħu xi nies. Jidher li f'dan il-post kienet ġiet organizzata tiġrija taż-żwiemel u tal-*ponies*. Waqt tiġrija minnhom *pony* partikolari li kien misjuq minn Sandro Cutajar laqat xi barrikati tal-plastik li kienu jinstabu mal-ġenb tal-korsa. Minħabba dan l-akkadut, is-sewwieq tal-*pony* spiċċa mal-art u l-*pony* baqa' għaddej u weġġa' żewġ spettaturi. Konsegwenza ta' dan l-inċident wieħed mill-ispettaturi miet waqt li spettatriċi oħra weġġgħet.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti ġew mixlija s-segwenti:

- Sandro Cutajar li dakinhar tal-akkadut kien qed isuq il-*pony*;

- Pierre Cuschieri li kien l-organizzatur tat-tiġrijiet taż-żwiemel;

- Paul Pace li kien President tal-*Malta Drag Racing Association*;

- Jason Camilleri li kien Segretarju tal-*Malta Drag Racing Association*.

Illi dawn l-erba' persuni ġew mixlija li kkaġunaw il-mewt involontarja ta' Michael Zammit u li kkaġunaw ukoll offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shania Micallef.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq tliet aggravji fejn huwa jilmenta minn apprezzament żbaljat tal-fatti li skont hu għamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-erba' appellati, inkluż il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-istess Qorti fil-konfront tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp ċivili. Fil-kamp kriminali dak li huwa rikjest huwa *"proof beyond reasonable doubt"* u dana b'differenza ta' kawża ċivili quddiem Qorti Ċivili li tibbaża l-ġudizzju tagħha fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Di fatti, fis-sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet **Joseph Attard vs. Anthony Attard et** (Numru 24/2010), il-Qorti tal-Appell (Superjuri – Sede Ċivili) għamlet riferenza għal sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **George Bugeja vs. Joseph Meilak** fejn ingħad is-segwenti:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** mogħtija fil-5 ta' Diċembru 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" fejn ingħad is-segwenti:

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Illi dwar ir-rwol ta' din il-Qorti jkun utili li ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan**

Illi għal dik li hija duttrina dwar l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellati allura imputati, liema imputazzjoni tirrigwarda, fost l-oħrajn, omiċidju involontarju, din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Din il-Qorti diġà kellha l-opportunita' li teżamina fil-fond in-natura u l-elementi tar-reat ta' omiċidju involontarju fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech**. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet osservat hekk:
>
> > "L-omiċidju kolpuż hu trattat fil-liġi tagħna fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, ġa' l-Artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, il-Qorti Kriminali sedenti l-kompjant Imħallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:
> >
> > "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja neġliġenti – konsistenti <u>ġenerikament</u> f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti <u>speċifikament</u> f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involuntarju. Għandu jiġi premess illi,

---

**Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus pater familias*, dik il-kondotta ċjoè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret". (Kollez. Deċiż Vol. XLV.IV.870, 903 enfasi ta' din il-Qorti).

Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew dik l-esperjenza teknika – ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn ikunu ppreġudikati:

*"Sorgono per tal modo"*, ikompli dan l-awtur, *"delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra' autorita' pubblica o privata a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per terzi...Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato é la conseguenza caretteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il*

*giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpovole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debbe ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi"* (Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffré (Milano), 1989, pp. 322-323);

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-espożizjoni. Infatti l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni," u "n-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti". Hu appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti l-leġislatur mhux qed jirreferi biss għal-leġislazjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet eċċ.), iżda għal kull forma ta' kondotta stabbilita u għalhekk qed jirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per eż. ir-regolamenti mfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-*Codice Zanardelli* kif ukoll fil-*Codice Rocco*, l-espressjoni użata hi *"inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline"*. Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bħala fil-każ ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' għat-tħaris ta' terzi tammonta għal negliġenza jew imprudenza, il-għaliex huwa ċertament imprudenti jew negliġenti mhux biss min jittraskura li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, iżda wkoll min jittraskura li josserva l-

> prekawzjonijiet speċifikament preskritti minn xi awtorita'";
>
> U din il-Qorti, f'dik il-kawża kienet kompliet:
>
> "Kif jispjega l-ġurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7, Parte 2, V. *Colpa* (*materia penali*), *Diritto Vigente*, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero', il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta"."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq iċċitat, hija ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa ntitolat "Apprezzament Żbaljat tal-Fatti" u huwa dwar il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellati Paul Pace u Jason Camilleri. L-appellant jisħaq li Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet huwa ċar fis-sens li jagħmel riferenza għal "kull persuna" u dana minkejja dak li ngħad fis-sentenza appellata li l-appellati Pace u Camilleri kienu kompletament estraneji għall-akkadut u li l-appellat Camilleri anqas kien preżenti fuq is-sit fil-ħin tal-akkadut. L-appellant jirreferi wkoll għas-segwenti:

- l-appellat Camilleri stess ikkonferma li kien hu l-bniedem inkarigat u responsabbli mill-operat ta' x'jiġri fit-trakka ta' Ħal Far;

- iż-żewġ appellati Camilleri u Pace jitkellmu fuq il-miżuri li ddeċidew li jieħdu biex ikun hemm sigurta' waqt l-avveniment tat-3 ta' Mejju 2013.

Illi l-appellant jisħaq li minkejja li ż-żewġ appellati Pace u Camilleri wrew bl-aktar mod ċar li huma kienu bejn konxji tal-fatt illi fl-avveniment in kwistjoni seta' jseħħ inċident, pero' (skont hu) huma fallew sabiex jimponu l-miżuri prekawzjonarji sabiex l-akkadut ma jsirx. L-appellant jisħaq li l-kwalita' u t-tip ta' *barriers* li ntużaw fl-avveniment ma kienux adattati għat-tiġrijiet in kwistjoni. Jirreferi għal dik li huwa jsejjaħ bħala "l-attitudni" tal-appellat Pace meta xehed li huwa ma kienx ser jikkmanda lill-ispettaturi jekk joqgħodux bil-qiegħda jew bil-wieqfa. L-appellant jisħaq li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni da parte tal-appellati mal-awtoritajiet Maltin għall-isport u jsostni li l-appellati in kwistjoni kienu negliġenti.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li ngħad mill-Professur Sir Anthony Mamo fejn fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law)</u> jikteb hekk:

> "The first is the material, the second is the formal condition of liability. This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective. If he intentionally chose the wrong, penal discipline will furnish him with a sufficient motive to choose the right instead for the future. If, on the other hand, he committed the forbidden act without wrongful

> intent, but yet for want of sufficient care devoted to the avoidance of it, punishment will be an effective inducement to carefulness in the future. But if his act is neither intentional nor negligent, if he not only did not intend it, but did his best as a reasonable man to avoid it, there could be no good purpose fulfilled in ordinary cases by holding him liable for it."

Illi aktar tard fl-istess Noti tiegħu, il-Professur Mamo jkompli jgħid hekk:

> "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: *"negligence"*, it has been said, *"is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do"*. *"We ought"*, it has also been said, *"to adhere to the rule which requires in all cases a regard to caution such as a man of ordinary prudence would observe ...... The care taken by a prudent man has always been the rule"*.[2]
>
> What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara**, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."

[2] "V. Judgments of the English Courts quoted in Salmond, [...]; see also the elaborate Judgment delivered by Harding J. in "**The Police vs. G. Debono**", Criminal Appeal, 4/3/1944."

Illi in segwitu għal dak ritenut *supra*, din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Polidano et** (Numru 2/1995) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "[...] Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tiegħu *The Criminal Law of Scotland*[3]:
>
> **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."**[4]
>
> U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kunċett ta' "*recklessness*" (li fil-liġi Skoċċiża *"is advertent and involves foresight of the risk"*[5] u li għalhekk hu tista' tgħid identiku għall-kunċett tagħna ta' intenzjoni pożittiva indiretta) jgħid hekk:
>
> **"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the**

[3] "W. Green and Son Ltd. (Edinburgh), 1978."
[4] "Para. 7.28, pp. 232-233."
[5] "Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[6] says, "In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons"."**

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li meta l-appellati Paul Pace u Jason Camilleri bħala President u Segretarju tal-Malta Drag Racing Association ġew avviċinati mill-appellat Pierre Cuschieri sabiex jorganizza l-avveniment in kwistjoni, huma mal-ewwel indikawlu li kien importanti li jiġu sodisfatti numru ta' kondizzjonijiet:

- li jinġieb permess tal-Pulizija għall-organizzazzjoni tal-attivita';
- li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-avveniment;
- li jkun hemm uffiċjali tal-Pulizija preżenti u li jkun hemm ambulanza u infermiera għal xi eventwalita' li setgħet tinqala'.

Illi għandu jingħad li l-Malta Drag Racing Assocation tat aċċess tal-appellat Cuschieri għall-*barriers* li kienu jintużaw bħala protezzjoni waqt it-tiġrijiet tal-vetturi, liema *barriers* intużaw waqt it-tiġrijiet in kwistjoni. Kif innutat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ta' min jinnota li lanqas infetħet investigazzjoni minn

[6] "Hall, J., ***General Principles of Criminal Law,*** 2nd. ed., Indianapolis, 1960, p. 120."

Sports Malta bħala s-suċċessur tal-Kunsill Malti għall-Isport b'liema investigazzjoni seta' jiġi stabbilit jekk il-Malta Drag Racing Association kinitx kisret il-ftehim meta ppermettiet li fis-sit tagħha jiġu organizzati t-tiġrijiet taż-żwiemel.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż dak li ngħad mill-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu aktar 'il fuq ċitati u dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Polidano et** li saret riferenza aktar 'il fuq, jirriżulta li din il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fl-appellati Pace u Camilleri fir-rigward tal-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar it-tieni aggravju tal-appellant, din il-Qorti tinnota li bħall-ewwel aggravju anke dan l-aggravju huwa intitolat "Apprezzament Żbaljat tal-Fatti" b'dan illi t-tieni aggravju huwa dwar il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat Sandro Cutajar. L-appellant jagħmel riferenza għall-fatt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet li minkejja li fl-atti proċesswali ma ġiet eżebita l-ebda liċenzja li seta' kellu l-appellat Cutajar biex isuq żwiemel, hija kienet konvinta li Cutajar kien jaf x'inhu jagħmel u kellu esperjenza biżżejjed f'dan il-qasam. L-appellant ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti u jisħaq li l-fatt li Cutajar ma kellux liċenzja jfisser li huwa naqas milli josserva r-regolamenti tal-Awtorita' tat-Transport f'Malta li skont hu (l-appellant) huwa meħtieġ skont il-liġi.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni tagħmel riferenza għar-riferenza li saret għan-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo u għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ewwel aggravju u tapplikahom hawn. Ma' din din il-Qorti żżid tgħid li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat Cutajar (bħal fil-każ tal-appellati l-oħra) kienet li huwa kkaġuna l-mewt involontarju ta' Michael Zammit u li huwa kkawża offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shania Micallef. L-appellat Cutajar ma kien akkużat bl-ebda

imputazzjoni oħra. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant Avukat Ġenerali meta huwa jisħaq li għaliex l-appellat Cutajar ma kellux liċenzja jfisser li huwa naqas milli josserva r-regolamenti tal-Awtorita' tat-Transport f'Malta u dana peress li waħda ma hijiex konklużjoni tal-oħra. Apparti minn dan, din il-Qorti rriżultalha li Cutajar għamel dak kollu li seta' sabiex jipprova jikkontrolla l-*pony* meta rrealizza li kien qiegħed jiġbed għall-ġenb fejn kien hemm il-*barriers* bil-konsegwenzi kollha li ġraw wara. Dwar il-fatt li l-*pony* sfratta u telaq jiġri waħdu, jirriżulta, kif qalet sew l-Ewwel Qorti, li Cutajar kien fl-impossibilita' li jikkontrolla l-*pony* wara li s-serkin ħabat fil-*barrier*.

Illi minn imkien ma jirriżulta li l-*pony* sfratta minħabba xi ħaġa li seta' għamel l-appellat Cutajar jew li seta' ma għamilx. Kieku rriżulta li Cutajar seta' għamel xi ħaġa fir-rigward tal-*pony* waqt li kien qed isuqu bil-konsegwenza ta' liema l-*pony* sfratta, kieku l-konklużjoni ta' din il-Qorti setgħet tkun waħda diversa. Pero' dan mhuwiex il-każ.

Illi din il-Qorti ma jirrażultalhiex li l-appellat Cutajar kien responsabbli għal fatt li filwaqt li Michael Zammit rriżulta li kien bil-qiegħda fuq il-*barriers*, Shania Micallef kienet miexja fit-trakka fejn kienu qegħdin isuqu ż-żwiemel meta ntlaqtet!

B'hekk anke fir-rigward tal-appellat Cutajar, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitux ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u għaldaqstant l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi bħall-ewwel żewġ aggravji, anke t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant Avukat Ġenerali huwa intitolat "Apprezzament Żbaljat tal-Fatti" b'dan illi t-tielet aggravju huwa dwar il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat Pierre Cuschieri. Fit-tielet aggravju, l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta qalet li rriżultalha li l-appellat Cuschieri kien ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji. Hawnhekk, l-appellant

Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għal argumenti li għamel fir-rigward tal-ewwel aggravju u jisħaq li dawk l-argumenti japplikaw ukoll fir-rigward tal-appellat Cuschieri. Jisħaq li l-miżuri li impona l-organizzatur Cuschieri ma kienux miżuri ta' prekawzjoni iżda skont hu kienu miżuri li kienu bżonnjużi wara l-inċident. Jargumenta li l-fatt li Cuschieri organizza tiġrija taż-żwiemel u ponijiet fuq korsa fejn normalment isiru tlielaq tal-vetturi huwa l-ewwel pass negliġenti li għamel Cuschieri. L-appellant jagħmel riferenza għal darba oħra għal *barriers* li ntużaw waqt l-avveniment. Jisħaq li l-organizzatur tal-avveniment kellu l-obbligazzjoni u r-responsabilita' sabiex jassigura s-sigurta' tal-ispettaturi li kienu qegħdin jaraw it-tiġrijiet taż-żwiemel. Jgħid li l-akkadut ma kienx ikkaġunat minħabba xi nuqqas ta' Michael Zammit u/jew Shania Micallef iżda kien ikkaġunat biss minħabba n-negliġenza, l-imprudenza u t-traskuraġni ta' diversi nies.

Illi dwar it-tielet aggravju in eżami, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, filwaqt li terġa' tagħmel riferenza għar-riferenza li saret għan-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo u għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ewwel aggravju u tapplikahom hawn, tagħmel riferenza wkoll għal konsiderazzjonijiet li saru fl-ewwel aggravju, liema konsiderazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tat-tielet aggravju.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, jirriżulta li l-appellat Cuschieri ħa konjizzjoni ta' dak li ġie nfurmat bih mill-appellati Pace u Camilleri u għamel l-arranġamenti neċessarji, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-Pulizija (tant li dawn kienu preżenti fuq il-post tal-akkadut) u fir-rigward tal-polza ta' assigurazzjoni. Huwa ħa ħsieb li jkun hemm ambulanza u infermiera preżenti waqt l-istess attivita'. Apparti minn hekk, din il-Qorti nnutat il-mod li t-trakka ġiet mħejjija sabiex seta' jsir l-avveniment in kwistjoni. Il-kuntatt bejn iż-żwiemel u n-nies ġie maħsub tant li kien hemm ċint tal-konkos u kif ukoll *barriers* biex in-nies jkunu jistgħu joqgħodu warajhom jaraw it-tiġrijiet. Dwar il-*barriers* li l-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għalihom fl-aggravju tiegħu għandu

jingħad li mix-xhieda miġbura jirriżulta li l-*pony* fl-ebda ħin ma qabeż il-*barriers* li kien hemm. Dan huwa punt importanti ħafna.

Illi anke fir-rigward tal-appellat Cuschieri, din il-Qorti ma jirrażultalhiex illi huwa kien responsabbli għal fatt li filwaqt Zammit kien bil-qiegħda fuq il-*barriers*, Micallef kienet miexja fit-trakka fejn kienu qegħdin isuqu ż-żwiemel meta ntlaqtet. Bħall-Ewwel Qorti mill-provi hekk kif prodotti quddiemha, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li kien hemm xi responsabilita' kriminali għall-akkadut da parte tal-appellat Cuschieri. Għaldaqstant, it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Prosekuzzjoni trid tressaq il-każ tagħha u ġġib provi lil hinn kull dubbju dettat mir-raġuni sabiex persuni mixlija quddiemha jinstabu ħatja. Minn naħa l-oħra, jekk l-appellat allura imputat jiddeċiedi li jġib xi provi, hu jrid jagħmel dan sal-grad tal-probabbli. Il-grad tal-possibbli m'hemmx postu fil-kamp penali u dan għaliex taħt il-kappa tax-xemx kollox huwa possibbli. Fil-każ odjern, din il-Qorti jirriżultalha li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sal-grad rikjest mil-liġi li jwassluha sabiex tbiddel l-evalwazzjoni tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u dana b'mod speċjali minħabba l-fatt li hawn ninsabu fil-kamp kriminali fejn il-grad ta' prova hu differenti minn dak fil-kamp ċivili. Ma' dan, il-Qorti żżid tgħid li jeżisti dubju raġonevoli li fil-kamp penali jimmerita favur il-persuna mixlja li fil-każ odjern huma l-appellati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**